Decizzjoni Numru 2555

Kaz Numru 2908/MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Charles Carabott

U

Korporazzjoni Enemalta

Dwar allegazzjoni ta' diskriminazzjoni

Illum 8/10/ 2018

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors mibghut lit-Tribunal Industrijali datata 11 ta' April 2011 u r-rikorrenti kien assistit fil-bidu minn Dr. Joanne Vella Cuschieru fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali .

Ir-rikorrenti maghruf bhala l-appellant kien assistit mill-Avukat Dr. Abigail Cuschieri u ghall-Korporazzjoni Intimata deher Dr. Andy Ellul.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant ddikjara li kien jahdem mal-Korporazzjoni intimata u gie diskriminat ghax ma giex maghzul jahdem fi skala ghaxra u intaghzel jahdem fl-iskalal hdax ..

Is-socjeta fl-istqarrija taghha qalet li ma kien hemm diskrimazzjoni.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed bil-gurament Kennith Buttigieg fejn qal li inghataw struzjonijiet sabiex japplikaw ghal grad u skala differenti. Dak iz-zmien hu kien skala 14 u applika ghal skala 10. Gie mahtur Bord apposta li jikkonsisti mill-Management tal-Korporazzjoni. Il-procedura hija li kull foreman u engineer tat-tlett shifts taw il-marki ta' kull impjegat u wara dawn telghu quddiem Bord ghall-evalwazzjoni. Qieghed jilmenta illi l-membri tal-Bord fil-maggoranza taghha ma kinux jafu lill-haddiema u inhata promozzjoni fi skala inferjuri ghal dak li applika.

Xehed Marco Pulo bl-affidafit fejn qal li huwa impjegat mal-Enemala bhalaa electrical technician. Kien inhata struzzjonijet sabiex japplika ghal promozzjoni u meta kien fl-iskala 14 u applika ghal skala 10. Gie kostitwit Bord sabiex jevalwa l-kriterji tal-applikanti .

Kull foreman u engimeer tat-tlett shifts kellhom jaghtu l-marki u dawn jingiebu quddiem il-Bord ghall-evalwazzjoni. Hu ihoss illi minhabba l-fatt li certi membri tal-Bord ma hadmix mieghu ma setghux ikunu jafu l-kapacitajiet tieghu u b'hekk ihoss li gie diskriminat meta applikanti ohra kienu maghrufa mill-membri tal-Bord.

Xehed Nazzareno Agius li xogholu hu li jghallem lill-electricians. Xogholu fuq il-Bord kien li jaghti l-marki lill-kulhadd anki dawn li ma kinux jahdmu maghhom ghax ikkonsuatw lill-imghallmin taghhom.. Ma kien hemm qbil fuq Marco Pulo bejn il-membri tal-Bord. Sari l-vot u Marco Pulo ma ghaddiex ghal grad li aoolika. Ghar-rigward kennith Buttigieg ukoll ma ghaddiex ghall-isala li applika.

Xehed Reno Borg li huwa enginier fejn qal li hadem biss ma Kennith Buttigieg l-ohrarjn jafhom pero ma hadimx maghhom u hu kien parti mill-Bord tal-evalwazzjoni. Xoghol dan nil-bord kien li jaghmlu evalwazzjoni tal-marki. Kien jaf lill-applikanti kemm direttament kif ukoll indirettament. Kif ukoll qadghu fuq l-ingineiera li kienu jahdmu direttament maghhom. Fuq Kennith ma kienx hemm ftehiem. Ivvutaw fuq il-marki li kien hemm ukol.

Xehed Nicholas Callus u jahdem bhala mghallem shift b electrician sector fejn qal li l-ewwel kienu taw il-marki u wara intghazlu fuq evaluation Bord halli jqabblu l-marki u kienu inghatw struzzjonijet li ma jkunx hemm tbaghbis fil-marki. Ghar-rigward Kennith Cutajar dan

kien jahdem mieghu u kien jikkwalifka ghal dan il-grad u ma qabilx ma l-ohrajn fuq xi kandidati pero xorta ifferma r-rapport. L-affarijiet saru bl-ghagla qaq.

Xehed Anthony Bonello fli huwa c-chief officer Human resources fejn qal li sar process sabiex xi 251 haddiema jigu fuq skali ohra u jinghataw job description u ssir valutazjni taghhom u dan bi qbil mal-Union. Il-Bord ghandu gwida tal-marki biss u wara jiddiskutu bejnithom. Qal illi mill-Bord kien ikun hemm xi hadd li jaf lill-applikant sew aktar minn iehor u bejnithom ssir l-valutazzjoni.

Xehed l-Inginier Edwin Gauci fejn qal li hemm differenza ghall-haddiema mal-mechanical u mal-electrical.

Illi sar kambjament fic-Chairmanship u l-Arbitri Dr. Martin Fenech gie assenjat dan il-kaz f'Ottubru 2014

Xehed Emmanuel Quattromani b'affidavut fejn qal li issa li ha prmozzjoni ohra qieghed jillimita t-talba tieghu ghal bejn 14 ta' Mejju 2010 sa 31 ta' Mejju 2011.

It-Tribunal jinnota illi kien hemm sentenza tal-Qorti fejn illimitat l-operat tal-Tribunal u wara amendi fil-Ligi it-Tribunal seta jkompl bil-kaz u dan kien fil-7 ta' Novembru 2016

Xehed Marco Pulo fejn qal li huwa ghandu l-kariga ta' Senior technician gewwa l-Enemalta Corporation. Fejn spjega li kienet ser issir reorganizzazzjoni gewwa l-Enemalta u sar exercizzju fejn nghataw marki mill-imghallmin u l-ingeniera. Wara sar ghazla bil-Bord li hu qieghed isejhu it-tieni Bord fejn gew ipprezentati l-marki tal-ewwel assessment. Iddikjara li max-xoghol tiegheu u mal-overtime dejjem hadem mal-isess ingineira u imghalmin. Sar jaf bit-tieni Bord aktar tard u ftit qabel ma hargu l-klassifikazzjoni. Iddikjara li kull mnn ma ghaddiex ghal scale 10 inghata kors u issa qieghed scale 10 u qieghed jitlob ghad-differenza. Hadu l-promotion fis-sena 2014

Xehed Charles Carabott fejn qal li sar faj fuq il-Bord tal-evalwazzjoni mll-Union u qal li kien hemm zewg min nies biss fuq dan il-Bord li jafuh.

Xehed Kennith Buttigieg fejn qal li li kien jaf fil-procedura li l-ewwel jinghataw il-marki u wara l-Bord jekk jaccetthom jew le. Il-membri tat-tieni Bord ma kienux jafuh u ghalhekk qieghed ihossu diskriminat.

Rega Xehed Emanuel Quattromani

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li ghandu problema jifhem ezatt l-allegat diskriminazzjoni. Li qieghed jifhem hu li kien hemm l-ingeniera dirett tal-rikorrenti u l-imghallmin taghhom li taw marki fuq il-haddiem individwali li gew ipprezentati lill-Bord li kienu jikkonsisti b'diversi nies fosthom ingenira u ghamlu l-assessment ta' dan l-applikanti. Jaghti l-kaz illi xi niex fuq dan il-Bord hadmu direttament mal-applikanti u ohrajn li ma hadmux direttament maghhom u r-rikorrenti qedghin jallegaw li dan l-agir huwa diskriniinatorju. Il-Bord assolutament ma jabbiolx ma din l-allegazzjoni. Ma jiirizula minn imkien illi ghall-fini ta' xi promotion l-assessur ghandu jkun jaf direttament il-haddiem jew ghandu jkun li jahdem mieghu. Anzi ghandu jkun l-oppost li l-assessur ma ghandux ikun jaf lill-haddiem halli ma jkunx hemm xi pregudizzju jew ikun obbligazzjoni ghax ikun hemm xi hbiberija li jaghtih il-promozzjoni. Il-Bord qieghed jiddikjara li ma jara xejn hazin mal-procedura li fil-Bord ikun hemm assessuri li ma hadmux direttament mal-applikanti. Dan zgur mhuwiex diskriminazzjoni. L-assessuri kellhom direzzjoni tal-marki li kienu inghataw lilhom bhala direzzjoni biss u ma kinux marbutin maghhom pero fl-ahhar mill-ahhar huwa l-Bord li kellu r-responsabilita li jaghmel id-decizzjoni finali. Di piu jirrizulta illi kemm il-Union kif ukolol l-applikanti kenu jafu sew din il-procedura u jidher li accettawha ghax ma kienx hemm ebda oggezzjoni.

Li tghid li tezisti d-diskriminazzzjoni mhuwiex korrett. It-Tribnnal qieghed jikkonkludiu illi mhiex diskrimnazzjoni li fuq il-Bord tal-assessuri kien hemm xi assessuri li ma hadmux peronalment mal-applikanti u b'hekk ma jistax jilqa din it-talba. L-assessuri kellhom id-dover li jaraw l-andament tal-amrki u jew direttament jew indirettament jaraw ukoll l-prassi tax-xoghol taghhom li facilment setghu jasslu ghalieha.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-parijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha l-kaz jiddikjara li l-Korporazzjoni Enemalta kien gustifikat li jaghmel Bord ta' evalwazzjoni u li ma kien hemm diskriminazzjoni kif allegat mir-rikorrenti. Il-fatt li kien hemm assessuri li ma hadmux direttaent mal-applikanti mhiex diskriminazzjoni.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedu billi jichad dan l-appell bl-ispejjes jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

Ghall-finijiet ta' L-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin euros (euros 93.00).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(iffirmat)
Dr. Martin Fenech
Chairman

VERA KOPJA

GSpiteri

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju